MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1111/2005

**Frank Borda Limited**

**vs**

**Carmelo Baldacchino u Josephine Baldacchino**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 ta’ Mejju, 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u sebgha u sebghin liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm277.52) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ikbar ta’ merkanzija mibjugha u supplita lilhom mis-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data ta’ l-avviz kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tas-socjeta` attrici pprezentata fl-14 ta’ Lulju, 2005 li biha s-socjeta` attrici cediet il-kawza fil-konfront

tal-konvenut Carmelo Baldacchino izda zammet ferm fil-konfront tal-konvenuta Josephine Baldacchino.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta Josephine Baldacchino twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta Josephine Baldacchino giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra kontra l-istess konvenuta Josephine Baldacchino.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenuta Josephine Baldacchino thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u sebgha u sebghin liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm277.52), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta Josephine Baldacchino skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------